Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:-5/2010/1 AE

**Charles Mercieca**

**vs**

**Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

It-Tnejn, 22 ta' Frar 2016

Permezz ta' rikors prezentat fit-2 ta' Marzu 2010, Charles Mercieca talab li t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva jhassar id-decizjoni mehuda mill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta li tiċħad it-talba tieghu ghar-registrazzjoni ghall-uzu f'Malta tal-*mini bus* uzat minnu akkwistat u importat Malta bin-numru HMY-279, minghajr il-htiega ta' hlas ta' *first registration*.

L-Awtorità ghat-Trasport f'Malta wieġbet li (i) l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tar-Rikorrent fil-konfront taghha huma infondati fil-fatt u fid-dritt; (ii) ma ghandha ebda diskrezzjoni amministrattiva f'kwistjoni bhal din u ghalhekk hija marbuta li tapplika l-Ligi b'mod ugwali u bla ebda diskriminazzjoni jew distinzjoni; u (iii) it-trapass ta' zmien bejn meta r-Rikorrent importa l-vettura wzata akkwistata minnu sa' meta tnehha l-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "Alfred Pisani v. George Mangion et" bin-Numru 808/05, ma huwiex attribwibbli lilha u ma ghandha ebda htija jew responsabbiltà dwar dan.

**B'sentenza** tad-29 ta' Mejju 2012 it-Tribunal laqa' l-eccezzjonijiet tal-Awtorità intimata u ċaħad l-Appell tar-rikorrent.

**Il-fatti,** kif irriżultaw lit-Tribunal qegħdin jiġu riprodotti:-

*(i) Fi Frar ta' l-2005 ir-Rikorrent ftiehem ma' certu George Mangion li jakkwista minghandu l-mini bus bin-Numru tar-Registrazzjoni Y-2279;*

*(ii) Bejn l-1991 u l-1999 l-imsemmi mini bus kien mizmum taht il-kustodja tal-Pulizija fil-compound taghha f'St. Andrews u George Mangion seta' jottjeni u fil-fatt ottjena r-registrazzjoni tal-vettura fuq ismu biss wara s-sentenza fl-ismijiet "George Mangion v. Emanuel Borg" pronuncjata mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Lulju 1997;*

*(iii) Ir-registrazzjoni tal-mini bus bin-Numru tar-Registrazzjoni Y-2279 f'isem George Mangion giet effettwata fit-18 ta' Frar 2005;*

*(iv) Meta r-rikorrent lahaq ftehim ma' Mangion dwar l-akkwist tal-mini bus bin-Numru tar-Registrazzjoni Y-2279 izda qabel ma effettivament hallsu l-prezz miftiehem ghall-akkwist, huwa ghamel il-verifiki necessarji ma' l-Awtorità kompetenti, dak iz-zmien l-Awtorità Dwar it-Trasport ta' Malta, sabiex jaccerta ruhu li kollox kien sew u li dak il-mini bus seta' jigi trasferit f'ismu u licenzat ghall-garr ta' passiggieri;*

*(v) Ir-rikorrent kien gie infurmat li mill-file relattiv ghall- mini bus bin-Numru tar-Registrazzjoni Y-2279 ma kienx jidher li kien hemm problemi biex isir it-trasferiment minn fuq isem George Mangion ghal fuq imsu izda, mill-lat tekniku l-vettura ma setghetx tintuza ghall-garr ta' passiggieri minhabba li ma kenitx fi stat tajjeb. L-alternattiva li kellu r-Rikorrent kienet illi jirrimpjazza dak il-mini bus b'vettura gdida jew inkella b'vettura wzata basta li ma jkollhiex iktar minn hames snin;*

*(vi) Fid-dawl ta' dan il-fatt ir-rikorrent akkwista mini bus uzat minn barra w importah Malta biex jirrimpjazza l-mini bus bin-Numru tar-Registrazzjoni Y-2279 li kien akkwista minghand George Mangion;*

*(vii) Il-mini bus importat mir-rikorrent gie manifatturat fl- 2003 u l-first registration fir-Renju Unit kienet fl-10 ta' April 2003 u gie importat Malta fis-6 ta' Lulju 2007;*

*(viii) Mal-wasla tal-mini bus minn barra r-rikorrent rega' mar ghand l-Awtorità biex jara jekk din il-vettura kenitx idoneja ghall-uzu ghall-garr ta' passiggieri u gie infurmat li ghajr ghal xi affarijiet zghar il-mini bus kien konformi ma' l-ispecifikazzjonijiet mehtiega biex vettura wzata tigi licenzata ghall-garr ta' passiggieri. Beda jesegwixxi x- xoghol necessarju fuq il-mini bus biex igibu kompletament konformi ma' l-ispecifikazzjonijiet mehtiega w eventwalment rega' mar l-Awtorità biex jigbor id- dokumenti necessarji ghat-trasferiment tal-mini bus bin-Numru tar-Registrazzjoni Y-2279, li fil-frattemp inbidel ghal HMY-279, minn fuq isem George Mangion ghal fuq ismu u ghar-registrazzjoni tal-mini bus l-iehor b'dan l-istess Numru ta' Registrazzjoni, izda gie infurmat li dan ma setghax isir ghaliex it-trasferiment tal-mini bus bin-Numru tar-Registrazzjoni Y-2279 (issa HMY-279) minn fuq isem George Mangion ghal fuq isem terzi gie temporanjament mizmum b'Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "Alfred Pisani v. George Mangion u Direttur Dipartiment tal-Licenzji u Testijiet";*

*(ix) Il-process ghat-trasferiment tal-mini bus bin-Numru tar-Registrazzjoni Y-2279 u l-konsegwenti registrazzjoni tal-mini bus importat mir-Rikorrent kellu ghalhekk jigi sospiz pendenti l-ezitu tal-proceduri konsegwenti ghall- hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "Alfred Pisani v. George Mangion et" bic-Citaz. Nru. 523/05;*

*(xi) Dawn il-proceduri gew decizi b'ezitu favorevoli ghal George Mangion b'sentenza pronuncjata fis-26 ta' Frar 2009, liema sentenza ma gietx appellata;*

*(xii) Meta in segwitu ghal dik is-sentenza r-Rikorrent rega' mar ghand l-Awtorità intimata biex jeffettwa t-trasferiment tal-mini bus bin-Numru tar-Registrazzjoni HMY-279 minn fuq isem George Mangion ghal fuq ismu u konsegwentement jirregistra l-mini bus uzat li kien akkwista w importa Malta, gie infurmat li dan l-ahhar mini bus ma kienx konformi mar-regolamenti vigenti dak iz-zmien, u senjatament li kellu iktar minn hames snin, u ghalhekk ma setghax jigi registrat u konsegwentement licenzat ghall-uzu ghall-garr ta' passiggieri hawn Malta;*

*(xiii) Ghalkemm fit-2 ta' Settembru 2009 ir-Rikorrent ressaq talba formali bil-miktub lill-Awtorità intimata biex jigu kkunsidrati c-cirkostanzi partikolari tal-kaz tieghu u l-mini bus uzat minnu akkwistat u importat Malta jigi registrat u konsegwentement licenzat ghall-uzu ghall-garr ta' passigieri hawn Malta, din it-talba giet michuda mill-Awtorità intimata b'ittra datata 16 ta' Ottubru 2009;*

*(xiv) L-Awtorità intimata zammet ferma l-posizzjoni taghha u dana anke wara li permezz ta' Protest Giudizzjarju giet interpellata mir-Rikorrent biex tawtorizza r-registrazzjoni tal-mini bus uzat minnu akkwistat u importat Malta ghall-uzu ghall-garr ta' passiggieri hawn Malta*.

**Fil-qosor l-aggravji tal-appellant kontra s-sentenza tat-Tribunal huma li:**

1. It-Tribunal ittraċċja parametri ferm restrittivi illi bihom l-istess Tribunal interpreta l-funzjoni u kompetenza tiegħu għal li jara jekk l-atti amministrattivi humiex legali jew le mentri l-ħsieb tal-leġislatur hi li ssir ġustizzja sostantiva meta ċittadin ikun milqut ħażin b'deċiżjoni t'awtorita`, anke jekk mhux strettament illegali.

2. It-Tribunal kellu jemmen il-verżjoni tar-rikorrent li mar japplika fi Frar 2009.

3. Ir-rikorrent ma jaħtix għall-akkadut. Importa l-vann skont il-policies allura vigenti u dam ma rreġistrah minħabba forza maġġuri. L-Awtorita` kellha tieħu dan il-fatt in kunsiderazzjoni

**L-Awtorita` appellata wieġbet ġenerikament li s-sentenza hija waħda ġusta u timmerita konferma.**

**<u>Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.</u>**

Permezz tal-ewwel aggravju l-appellant jilmenta li t-Tribunal iħares lejn id-dritt amministrattiv minn ottika ristretta ż-żejjed meta fis-sentenza tiegħu jistqarr li għandu jħares biss lejn il-legalita` o meno tal-att amministrattiv impunjat u jieqaf hemm. Skond l-appellant il-ħsieb tal-leġislatur fil-kamp ta' reviżjoni ta' atti amministrattiv hu li jiġi indirizzat il-preġudizzju li ċ-ċittadin jista' jsofri anke jekk din tkun, strettament, waħda legali. Il-Qorti qrat sewwa s-sentenza tat-Tribunal u ma taqbilx mal-appellant. Dak li qal it-Tribunal kien li att amministrattiv ma jistax jiġi nfiċjat sempliċiment għax jinzerta jolqot ħażin lil xi ċittadin, imma jinħtieġ, inoltre, li jkun illegali **"u dan fis-sens fuq iktar 'il fuq spjegat.... u jekk jirrizulta li huwa legali u konformi mal-principji tar-rule of law u tal-gustizzja naturali dak l-att amministrattiv ma ghandux jigi revokat jew varjat".** It-Tribunal ghamel riferenza għall-bran estensiv li kien għadu kif iċċita mill-ktieb *"Administrative Law"* tal-ġurista prominenti Ngliż H.W. R. Wade. Fil-qosor, dan l-awtur jiddistingwi appell minn *judicial review* t'atti amministrattivi. F'appell, il-mistoqsija tkun *"right or wrong?"* filwaqt li f'*judicial review* tkun *"lawful or unlawful?.... Judicial review is thus a fundamental mechanism for keeping public authorities within due bounds and for upholding the rule of law. Instead of substituting its own decision for that of some other body, as happen when on appeal, the court on review is concerned only with the question whether the act or order under attack should be allowed to stand or not".* Dan billi l-iskop tar-reviżjoni tal-atti amministrattivi huwa li jinżammu r-

riedni fuq l-eżekuttiv biex dan ma jeċċeddix u ma jabbużax mill-poteri lilu mogħtija mil-liġi. Ċjoe` li s-setgħat jiġu eżerċitati fil-limiti tagħhom. Imma anke f'dawn il-limiti, il-Qrati jeżerċitaw forma ta' kontroll billi jesiġu li l-leġislatur jawtorizza biss deċiżjonijiet li jkunu raġonevoli. Fi kliem ieħor, deċizjonijiet mhux raġonevoli ma jkunux legali anke jekk entro l-parametri tas-setgħat konferiti lill-ezekuttiv. Il-ħsieb espress mit-Tribunal hu li biex att amministrattiv jista' jiġi nfiċjat irid mhux biss ikun laqat ħażin liċ-ċittadin imma jinħtieġ ukoll li l-att ikun irraġonevoli.

It-tieni aggravju jikkonsisti fi stedina sabiex din il-qorti tagħmel apprezzament tal-provi mill-ġdid. Kif inhu ben magħruf dan jista' jsir fejn hemm raġunijiet gravi. Il-qorti rat l-atti u ma tara xejn x'tista' tikkritika fir-ragunament li ghamel it-Tribunal. Il-kundizzjoni tal-hames snin kienet diga' tezisti qabel l-Avviz Legali 149 tal-2009, li dahal fis-sehh f'Mejju 2009 [1] . Ir-rikorrent xehed li meta originarjament kien tkellem ma' Lino Abela, ufficjal tal-intimata, kien infurmah li l-van ma setax ikollu iktar minn hames snin, *"…. u dan skond il-policy li kienet fis-sehh dak iz-zmien"* (fol. 21). 'Il fatt li ma setax isir transfer tar-registrazzjoni minn fuq isem George Mangion ghal fuq isem ir-rikorrent ma kien ta' ebda htija tal-intimata. Kien hemm ordni ta' qorti li Mangion ma setax jittrasferixxi l-vann l-antik. L-appellant argumenta li l-perjodu ta' 5 snin kien jiddekorri mid-data tal-importazzjoni tal-vann f'Malta. Mhux hekk xehed Vincent Micallef Pule', ufficjal tal-Awtorita intimata, li xehed: *"Jiena spjegajtlu li skond il-ligijiet in vigore mini van li tkun ilha manifatturata aktar minn hames snin ma tistax tigi registrata"*[2]. Fil-kaz in ezami l-minibus li r-rikorrent mporta f'Malta kien manifatturat fis-sena 2003 (fol. 15). Fil-fatt l-ewwel data ta' registrazzjoni kienet fl-10 ta' April 2003 (fol. 16). F'Malta l-vann dahal f'Lulju 2007, cjoe' meta l-hames snin kienu ghadhom m'ghaddewx. Il-problema kienet li wara li nqatghet 'il kwistjoni li George Mangion kellu ma' Alfred Pisani, il-hames snin kienu ilhom li ghaddew. Ovvjament l-Awtorita' intimata ma kellha l-ebda kontroll fuq 'il fatt li l-mandat ta' inibizzjoni kien ghadu fis-sehh meta ghaddew il-hames snin mid-data tal-ewwel registrazzjoni. L-appellant argumenta li meta mporta l-vann f'Malta, ma kienx jaf li kien hemm il-mandat ta' inibizzjoni u ghalhekk *"…. din kienet cirkostanza ta' forza magguri u r-registrazzjoni ma saritx dak iz-zmien unikament ghaliex – kif ghandu jkun – kellha tigi obduta ordni tal-Qrati taghna"*. Pero' dan hu argument li ma jikkoncernax lill-Awtorita' intimata.

L-appellant argumenta wkoll li hu m'ghamel xejn hazin u ma m'ghandu ebda htija f'dak li gara. Qal: *"L-appellant mhu xejn ghajr il-vittma tac-cirkostanzi –*

---

[1] Leġislazzjoni Sussidjarja 499.56 tipprovdi li vettura ghat-trasport tal-passiggieri li m'hijiex ġdida, tingħata liċenżja ghat-trasport tal-passiġġieri jekk ma tkunx ilha manifatturata ghal iktar minn seba' snin u tkun reġistrata ghall-użu fit-toroq ghal mhux iktar minn hames snin (regolament 28(2)(b)).

[2] Ara wkoll dokument VMP1 a fol. 35, fejn jinghad li fil-kaz ta' minibus: *"When replacing a vehicle, only vehicles that are newer than the replaced may be used for the service and* ***the vehicle must be not older than 5 years from date of first registration****"*.

*cirkostanzi li kienu assolutament lil hinn mill-kontroll tieghu ghaliex inhareg mandat ta' inibizzjoni fi proceduri bejn terzi li pero affettwaw lilu"* (fol. 8). Pero' dan hu argument iehor li ma jistax iwassal biex tithassar id-decizjoni tal-Awtorita' intimata. L-Awtorita' applikat policy li kienet ilha hemm mis-sena 2000 u wara saret ukoll ligi bid-dhul fis-sehh tal-Avviz Legali 149 tal-2009.

Fl-ahharnett l-appellant qal li meta l-vann gie mportat, kien ilu biss sentejn registrat u ghalhekk skond il-policy ta' dak iz-zmien kien in regola. Kompla jghid li, *"Id-data li kellha tittiehed in konsiderazzjoni kienet id-data tal-importazzjoni u dan skond il-policy ta' dak iz-zmien u l-policy li kienet applikabbli kienet dik ta' dak iz-zmien u mhux kif inbidlet fiz-zmien kollu illi inhela ossija intilef sakemm l-appellant kien kostrett jistenna t-terminazzjoni tal-proceduri gudizzjarji bejn it-terzi"*. Fir-realta' il-*policy* kienet li l-hames snin jiddekorru mid-data tal-ewwel registrazzjoni, li fil-kaz in ezami kien l-10 ta' April 2003 (ara wkoll deposizzjoni ta' Vincent Micallef Pule'). Policy li kienet hemm biex thares l-interess tal-passiggieri u l-utenti tat-triq.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.